# IL-MILIED FUQ IL-MUNTANJA.

"Fl-ahhar it-temp ser jaghtina ftit tan-nifs," qalet Anni wahedha, wara li semghet ir-rapport tat-temp fuq ir-radju. Il-maltemp li kien ilu sejjer mill-bidu ta' Dicembru kellu tahlita minn kollox: rih, kesha, xita, silg u borra. Il-muntanja fejn kienu joqghodu Anni u zewgha Aldo, u l-inhawi ta' madwar kienu miksija bi bjuda wahda hekk wiehed kien jissahhar b'dak li kien jara quddiemu.



"Halliha taghmel in-natura ghax twaqqafha ma tistax. Ara kemm hu gharef u qawwi l-bniedem, quddiem il-qawwa tan-natura jickien u jsir qisu xejn," wegibha Aldo. "Wara kollox dan ifisser gid ghalina ghax-xaharejn li gejjin. Ahna nghixu minn fuq it-turizmu ta' l-iski."

Aldo u Anni kellhom daqsxejn ta' kamra zghira li minnha kienu jbieghu l-prodtti agrikoli taghhom lit-turisti li kienu jigu ghal l-isport ta' l-iski. Id-dar taghhom flimkien ma' xi ghelieqi u razzett kienu f'nofs il-muntanja. Aldo bhalma kienet taghmel il-kommunita' tal-muntanja, spiss kien jinzel lejn ir-rahal ta' taht biex ibiegh il-prodotti tieghu u jixtri ikel iehor. Ma kienux ibatu hafna biex iterrqu lejn il-villagg billi t-triq li kienet taghti mill-muntanja ghar-rahal kienet irpuzata hafna u lixxa.

Ftit 'l fuq  mid-dar ta' Anni u Aldo kien hemm kappella mdaqqsa biex tkun ta' lok fejn il-kommuntia' tal-muntanja taqdi d-doveri taghha spiritwali.  Jinghad skond l-irhama mwahhla mal-lemin tal-bieb li din kienet kappella votiva. Zmien hafna ilu l-annimali ta' l-irhula ta' madwar kienu milquta minn marda misterjuza u kollha kienu qed imutu. Il-bdiewa ta' dawn iz-zminijiet sofrew telf kbir u anke ghaks sa ma regghu gew fuq saqajhom. Il-kommunita' tal-muntanja, quddiem dan il-gwaj tablet lil Madonna li jekk jinhelsu minn dan il-periklu jibnu kappella dedikata lil Marija Ssma Immakulata.  Maghha kienu bnew dar ckejkna biex tkun allogg ghar-rettur taghha. Kien jiehu hsiebha Don Michele li kien jitla' kull nhar ta' Sibt wara nofs inhar u jinzel it-Tnejn. U biex juri l-prezenza tieghu kull meta jasal kien idoqq il-qampiena, biex il-kommunita' mxerrda madwar il-muntanja tkun taf bil-wasla tieghu. Izda issa, li xjieh talab lil kappillan biex jezentah mill-inkarigu. Il-kappillan qaghtalu xewqtu u



baghat minfloku lil Don Alfonso, sacerdot zaghzugh mimli energija. Kien jahdem hafna ghall- kommunita' biex, ghalkemm kienet imxerrda, jaraha maghquda u migbura flimkien fil-jum tal-Hadd.

Don Alfonso ried jghaddi l-jumejn ta' qabel il-Milied mal-kommunita'. Kien l-ewwel Milied tieghu maghhom. Qabad il-lambretta u telaq jumejn qabel  lejn il-kappella tal-muntanja.  Ried li dan  il-Milied ikun ta' sorpriza ghall-kommunita'.

Mill-hafna sigar tal-muntanja huwa ghazel fergha sabiha u kbira ta' sigra, qataghha u hawwilha hdejn il-bieb tal-kappella.  Zejjinha bid-dawl u maghha

dendel dekorazzjonijiet zghar. Mal-faccata tal-kappella dendel fjakkoli tax-xema li kellhom jinxteghlu fil-lejl tal-Milied.

Pero' l-ahhar sorpriza halliha mohbija mill-kommunita'. Tommaso li kien jaqdi lir-rettur billi jaghmilha ta' sagristan xeghel il-fjakkoli wahda wahda b'pacenzja kbira, imma d-dehra li ghamlu fid-dalma tal-lejl, iteptpu maz-ziffa tar-rih kiesah, hallew effett fuq kull min rahom u lkoll fahhru l-inizjattiva tar-rettur il-gdid.

Imma aktar issorprendew ruhhom x'hin meta dahlu gewwa l-kappella ghadha mdallma, lemhu presepju kbir.  Fih kien hemm zewg manikini imlibbsa ta' Guzeppi u Marija u maxtura vojta. U f'nofs il-grotta, mis-saqaf taghha kien hemm imdendel musbieh bi tlieta, mixghul biz-zejt. Kulhadd stqarr li Don Alfonso kien haqqu kull hajr.

Il-komunita' bdiet tingabar u ssib postha.  Billi l-kappella kellha l-limitazzjonijiet taghha, xi uhud gabu maghhom banketti biex joqghodu bil-qieghda.  Fir-rokna tal-kappella xi zaghzagh mir-rahal ghaqdu kor u telghu biex ikantaw innijiet tal-Milied u jferrhu l-kongregazzjoni. Xi l-ghaxra Don Alfonso hareg l-barra mill-kappella mis-sagrestija bil-bambin fuq idejh segwit mill-kongregazzjoni bix-xema mixghula f'idejhom, dar mal-knisja u dahal gewwa biex qieghed il-bambin fil-maxtura.  Id-dalma fil-knisja kienet miksura biss mid-dawl tax-xema. U hekk baqghet matul il-kant sabih tal-kor.



Qatt il-kommunita' tal-muntanja ma daqet festa daqshekk sabieha u maghquda. Bdiet il-quddiesa u mal-glorja nxetghlet il-kappella hekk li l-bidla mid-dlam ghad-dawl qanqlet emozzjoni kbira u bla

mistenni l-prezenti bdew icapcpu. Fl-offertorju kull familja tal-kommunita' ghamlet l-offerta taghha lir-rettur billi ppresentatlu xi prodotti agrikoli jew prodotti ohra li kienet hadmet. U t-tarag ta' l-artal f'kemm ili nghidlek intela b'kull kwalita ta' gid: gobon, ġbejniet, laham mahdum, bajd, haxix u x'naf jien.

Spiccat il-quddiesa u Don Alfonso kellu l-ahhar haga xi jghid.  Irringrazzja lill-prezenti tar-rigali li tawh u xtaqilhom il-Milied it-Tajjeb.  Dar fuq iz-zaghzagh u stedinhom biex l-ghada jinqasmu fi gruppi ta' tnejn, tnejn ghax xi familji riedu li jaqsmu l-ikla tal-Milied maghhom. Don Alfonso flinkien maz-zewg hutu xebbiet li telghu mieghu biex jaghtuh daqqa t'idi kienu nistednin ghand il-familija ta' Pietru s-sagristan.

Ir-rigali li qala' Don Alfonso qasamhom maz-zaghzagh u meta spicca kollox u ghalaq il-knisja, iz-zaghzagh firxu s-saqqjiet li kienu gabu maghhom, tkebbu fil-kutri u raqdu sat-tmienja ta' filghodu meta l-qampiena tas-sagristan Pietru qajmithom biex jiehu sehem fil-quddiesa tal-Milied ta' filghodu.

Wara l-pranzu ta' nofs inhar,iz-zaghzagh inghaqdu flimkien mill-gdid fi grupp u telqulha lejn il-villagg.